# Sittin Sena ilu
# Iż-Żmien ikreħ tal-Gwerra - 1942

Sa mill-ewwel jiem tal-gwerra, Santa Venera mtliet bin-nies li ġew joqgħodu hawn minn postijiet oħra. Il-kappillan ta'dak iż-żmien, Patri Frans Zammit, kien organizza kollox, biex f'dawn iċ-ċirkostanzi koroh ta' gwerra, jkun jista jibqa' jmexxi l- parroċċa b'mod normali. Naturalment, Patri Frans kellu l-għajnuna ta' erba' patrijiet oħra u tliet ajkijiet, biex jekk ikun hemm bżonn jagħtu l-għajnuna tagħhom. Minkejja l-ħbit kontinwu, l-appostolat fil-parroċċa xorta waħda baqa' jitwettaq. Iċ-ċerimonji baqgħu isiru. Il-festa ta' Santa Venera baqgħet issir ukoll, iżda fil-knisja.

Fis 27 ta' Frar 1942, balla ta' kontra l-ajruplani waqghet fi sqaq il-Fniek, fi Fleur-de-Lys, u nqatlu għadd ta' mogħoż; balla oħra ta' l-istess tip, waqgħet fuq dar numru 309, fi Triq Fleur-de-Lys.

Fil-5 ta' April 1942, l-isptar ta' Buġeja (l-Istitut Tekniku Vincenzo Buġeja) f'Santa Venera, kien ħelisha ħafif meta għal daqsxejn ma ntlaqtitx *ward* fl-istess sptar minn bomba ta' l-għadu. Fil-*ward* kien hemm madwar ħamsin pazjent. Hawn ta' min jgħid, li l- Istitut Tekniku Vincenzo Buġeja kien serva bħala sptar ċivili fi żmien il-gwerra (1939-1945). Fih mietu diversi feruti tal-gwerra,

Fl-1942, ħafna mid-Dipartimenti tal-Gvern, minħabba l-qilla tal-bumbardamenti ta' l-għadu ġarrew għal postijiet oħra, barra l-Belt Valletta. Fost dawn, insibu d-Dipartiment ta' l-Informazzjoni li ġarr għall-Istitut ta' San Ġużepp f'Santa Venera.

L-istamperija tal-Gvern inġiebet fl-Istitut ta' San Ġużepp ukoll. Il-Konservatorju Vincenzo Buġeja, kien sar id-Depot tal-Pulizija u f'wieħed mix-xelters tagħhom kienu ġabu magna li tistampa l-flus tal-karti ta' żmien il-gwerra. Dan kien fit-13 ta' April 1942. L-istamperija tal-Progress Press kienu ġabuha fil-fabbrika "Taċ-Ċisk", illum Umberto Calosso. Fil-Fortizza ta' Fleur-de-Lys il-kanuni Bofors, kienu jagħmlu ħafna ħsejjes kbar meta kienu jiftħu n-nar.

Fit-2 ta' Ġunju 1942, inqalgħet grazzja kbira mill-Madonna u Santa Venera meta l-Knisja tal-Parroċċa u l-Kunvent ħelsuha minn frakass totali, meta bomba ta' l-għadu waqgħet fil-ġnien tal-Kunvent, ħabtet ma' siġra taż-żebbuġ, ġriet matul passaġġ twil, ħabtet mal-ħajt tas-sagristija imma ma splodietx. Il-bomba kienet ta' 500 libbra, twila ħames piedi, u pied u nofs dijametru. Il-bomba waqgħet għat-tmienja u nofs ta' fil-għaxija, f'lejl ta' qamar kwinta.



*għall-paġna 61*

*minn paġna 59*

Fis-26 ta' Ġunju 1942, il-Kappillan ta' l-Isla ltaqa' fid-dar ta' San Ġużepp biex jaraw x'jistgħu jagħmlu għall-ġurnata tal-Konsagrazzjoni ta' l-Isqof il-ġdid, is-Senglean Mons Emmanuele Galea (li kien gie nominat Isqof Awżiljarju ta' Mons Arċisqof Don Mauro Caruana, fl-20 ta' April 1942). Laqgħa oħra bħal din, kienet saret fl-14 ta' Awissu 1942, din id-darba ma' l-Isqof il-ġdid Mons Emmanuele Galea. L-Arċipriet ta' l-Isla, Dun Emmanuele Brincat, għamel diskors imqanqal, u ppreżenta rigal f'isem il-kapitlu Senglean.

Avveniment storiku importanti kien seħħ f'Lulju 1942, meta kienet saret laqgħa ġo "Dar Iljuni" f'Santa Venera bejn il-Gvernatur Ġenerali Lord Gort u Mons Mikiel Gonzi, Isqof ta' Għawdex, u kbarat oħra Ingliżi. F'din il-laqgħa kienet ittieħdet id-deċiżjoni li jekk se jibqa' jkun hemm nuqqas ta' proviżżjon (ikel), il-gżira ta' Malta jkollha ċċedi lill-għadu. Kien hawnhekk li l-Isqof Gonzi għamel dik l-offerta famuża tiegħu li jgħid lill-bdiewa Għawdxin biex jibagħtu l-qamħ lill-gżira l-kbira ta' Malta. Din id-deċiżjoni kienet salvat lil Malta milli ċċedi lill-għadu sakemm kien hemm imbagħad il-wasla tal-Konvoj fil-15 t'Awissu 1942.

**Tagħrif minn Joseph Giorgio (Ħal Qormi)**

